MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1077/2011

**Ancams Marketing Limited u Ancams Limited u GD Trading Company Limited**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera San Pellegrino S.p.A u minnu lokalment rapprezentata**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-2 ta' Novembru 2011 l-atturi ppremettew li:

Ancams Marketing Limited singolarment u ma' Ancams Limited u GD Trading Limited qabilha, kienu ilhom ghal

dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena distributuri f'Malta ta' prodotti manifatturati mill-konvenuta, qabel maghrufa bhala Acqua Vera S.p.A. L-inkarigu kien originarjament inghata lil GD Trading Company Limited u eventwalment lil Ancams Limited permezz ta' ftehim bil-miktub li sar bi skrittura privata tat-2 ta' Jannar 1998, u wara bi skrittura ohra tal-1 ta' Marzu 2001.

B'ittra tal-24 ta' Ottubru 2008, Nestle Malta Limited infurmat lil Ancams Marketing Limited li b'seffett mill-1 ta' Jannar 2010 il-prodott ma kienx ser jibqa' jinbiegh. Decizjoni li ttiehdet unilateralment mill-konvenuta minghajr raguni valida fil-ligi u bla konsultazzjoni. Ghalhekk il-konvenuta naqset mill-obbligu kuntrattwali. Terminazzjoni li saret ghaliex il-konvenuta kienet direttament ser tibda tipprovdi ghas-suq lokali.

Kienu l-atturi li ntroducew il-prodotti tal-konvenuta fis-suq lokali. Dan fisser hidma konsiderevoli tul ghoxrin (20) sena u investiment konsiderevoli f'marketing. Dan wassal biex tinholoq klijentela vasta f'Malta ghall-prodotti tal-konvenuta, kif jidher mill-ammont ta' fatturat akkwistat minghand il-konvenuta. Dan wassal biex tgawdi l-konvenuta u issa dan ser isir a skapitu tal-hidma li ghamlu l-atturi.

Inoltre l-atturi sofrew danni minhabba terminazzjoni unilaterali tal-ftehim, u kif ukoll b'konsegwenza tar-rifjut li tissupplixxi l-prodotti taghha lill-atturi.

Ghalhekk l-atturi talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-atturi ghandhom jigu kkumpensati ghall-arrikkiment indebitu li sar mill-konvenuta;
2. Tiddikjara li l-attrici sofriet danni kawza tat-terminazzjoni unilaterali tal-ftehim min-naha tal-konvenuta u r-rifjuta li tissupplixxi aktar prodotti lill-atturi;
3. Tillikwida l-kumpens u d-danni;
4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas il-kumpens u d-danni li jigu likwidati.

Fl-20 ta’ Dicembru 2011 il-konvenuta pprezentat twegiba guramentata (fol. 32) u ddikjarat:

1. Fir-rigward ta’ Ancams Limited:

i) Nuqqas ta’ gurisdizzjoni minhabba klawzola arbitrali.
ii) Ancams Limited kellha relazzjoni guridika mal-konvenuta mill-1 ta’ Marzu 2001 il-quddiem sakemm dahlet fix-xena Ancams Marketing Limited. Ma jidhirx li din il-kumpannija setghet giet effetwata bid-decizjoni ta’ San Pellegrino tal-24 ta’ Ottubru 2008 li ma kenitx ghadha tbiegh prodotti tal-konvenuta.
iii) It-talba ghall-kumpens hi insostenibbli ghaliex is-socjeta ghandha rimedji ohra skond il-ligi, tant li qeghda tibbaza rimedji ohra bazati fuq il-kuntratt.
iv) It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. GD Trading Limited:-

i) M’huwiex car x’interess ghandha din il-kumpannija;
ii) Kull talba ghall-hlas ta’ kumpens minhabba arrikkiment indebitu hi preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. L-istess fir-rigward ta’ danni kuntrattwali;
iii) Din il-kumpannija ghandha rimedji ohra skond il-ligi u anke f’din il-kawza qeghda tavvanza rimedji bazati fuq kuntratt;
iv) F’kull kaz it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Ancams Marketing Limited:-

i) Din il-kumpannija hi marbuta fid-drittijiet u obbligi ta’ Ancams Limited. Hi marbuta bil-ftehim abritrali li kien inkluz fil-ftehim tal-1 ta’ Marzu 2008. Ghalhekk il-vertenza taqa’ fil-kompetenza ta’ arbitri;
ii) Din il-kumpannija ghandha rimedji ohra skond il-ligi u anke f’din il-kawza qghda tavvanza rimedji bazati fuq kuntratt;

iii) It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kienet din il-kumpannija li hadet id-decizjoni li ma tkomplix bid-distribuzzjoni tal-prodott Acqua Vera, u dan minkejja li kienet inghatat pre-avviz ta' sentejn u xahrejn. Il-kumpannija konvenuta kellha kull dritt li tqassam il-prodott taghha fis-suq lokali.

Permezz ta' sentenza parzjali tat-28 ta' Mejju 2012, din il-qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni li kienet titratta l-gurisdizzjoni tal-qorti minhabba klawzola arbitrali. Il-qorti taghmel riferenza ghal dik il-parti tas-sentenza fejn hemm rassenja tal-fatti rilevanti. F'dik is-sentenza l-qorti diga' osservat li l-pretensjoni li jista' ghandha GD Trading Limited u Ancams Limited, *"[….] jistghu biss jigu ndirizzati taht l-ilment ta' arrikkiment indebitu (ara l-ewwel talba tar-rikors guramentat)."*.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Irrizulta li:-

i. Inizjalment l-ilma minerali Acqua Vera kien jinbiegh f'Malta minn GD Trading Limited. Pero' qatt ma kien hemm ftehim bejn din il-kumpannija u l-kumpannija konvenuta.
ii. Wara l-ilma Acqua Vera kien beda jinbiegh minn Ancams Limited bi ftehim ma' Acqua Vera S.p.A. Dan kien ghas-sena 1998.
iii. Sussegwentement saru ftehim bil-miktub bejn Ancams Limited u San Pellegrino S.p.A. Kien hemm ftehim ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Dicembru 2003. Wara sar ftehim iehor li kien ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2004 u l-31 ta' Dicembru 2006.
iv. Fl-2007 twaqqfet Ancams Marketing Limited li bdiet tiehu hsieb in-negozju tal-Acqua Vera[1]. Qatt ma gie ffirmat kuntratt bejn Ancams Marketing Limited u l-konvenuta. Madankollu negozju kien isir[2].

---

[1] Ara deposizzjoni ta' Carmen Micallef, direttur ta' Ancams Marketing Limited (seduta 10 ta' Mejju 2013).
[2] Ara kopja tar-rendikont datat 22 ta' April 2009 (fol. 140) u kontijiet relattivi (fol. 142-190), dwar liema hemm kawza fl-ismijiet **San Pellegrino S.p.A vs Ancams**

Carmen Micallef, direttur ta' Ancams Marketing Limited, spjegat[3]:-

*"In-negozju mal-kumpannija estera kien li ahna nixtru l-prodott cioe l-Acqua Vera. Mir-rikavat tal-bejgh tal-fliexken tal-ilma fis-suq lokali, ahna ma konna naghtu l-ebda persentagg lill-kumpannija estera. Jiena insostni li ahna konna iktar minn distributors ghax ahna sibna lill-klijenti fis-suq lokali Malti. Ghalhekk fl-affidavit tieghi semmejt il-kelma agent. Inzid ukoll li skond il-ftehim li kellna mal-kumpannija estera, meta ahna konna nilhqu certi targets ta' xiri minghand il-kumpannija estera mbaghad dan jigi tradott f'bejgh fis-suq lokali, kien ikollna certu incentivi. Taghtina certu incentivi l-kumpannija estera, cioe' prezzijiet ahjar."*.

Fl-ewwel lok il-qorti taghmel riferenza ghal dak li ddikjaraw l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet:-

*"Il-ligi nostrali lanqas issemmi xejn specifiku bhala kumpens pagabbli fit-terminazzjoni ta' ftehim ta' distribuzzjoni, kuntrarjament ghal dak li jghid il-Kodici Kummercjali dwar agenti. Lanqas il-ligi Ewropea ma tirregola l-kumpens f'kaz ta' distribuzzjoni b'mod specifiku. Minkejja dan, l-esponenti tistieden lil din l-Onorabbli Qorti timxi fuq l-insenjament ta' qrati fi stati ohra membri tal-Unjoni Ewropea[4]. Titwila lejn il-gurisprudenza ta' dawn il-qrati turi li l-kumpens pagabbli lill-agenti kif stipulat fid-Direttiva 86/653/EC gie adottat b'analogija ghal sitwazzjoni ta' terminazzjoni f'kaz ta' distributur."*. L-atturi ghamlu riferenza ghad-Direttiva 86/653/EC u jsostnu li l-Qrati fi Spanja addottaw din id-Direttiva ghal kazijiet ta' ftehim ta' distribuzzjoni. Ghamlu wkoll riferenza ghal sentenza tal-Qorti Suprema tal-Germanija u sentenza fit-

---

**Marketing Limited** (466/2009) li qeghda tinstema' quddiem din il-qorti diversament presjeduta.

[3] Kontro-ezami, seduta tal-10 ta' Mejju 2013.

[4] Fil-kaz **Mavrona v Delta Etaireia Symmetochon** (Frar 2004) il-Qorti Ewropea kkonfermat li d-Direttiva tapplika biss ghal "commercial agents" kif definita fl-istesss Direttiva, ghalkemm l-Istati Membri setghu jintroducu legislazzjoni li tkun ispirata mid-Direttiva u li tkun tipprotegi nies ohra fil-kummerc.

Turkija. Jibqa' 'l fatt li l-qorti trid tibbaza d-decizjoni fuq il-kawzali proposti mill-atturi, cjoe' ksur ta' obbligu kuntrattwali u arrikkiment indebitu. Il-kawza li pproponew l-atturi m'hijiex bazata fuq l-Artikolu 78D tal-Kodici tal-Kummerc li jaghti jedd ta' kumpens lill-agenti tal-kummerc, f'kaz ta' terminazzjoni tal-ftehim. Mir-rikors guramentat hu evidenti li l-atturi ma kienux qeghdin isostnu li l-ftehim mal-konvenuta kien fir-realta' ta' agent tal-kummerc[5]. Fil-fehma tal-qorti hekk biss seta' jigi applikat dan il-provvediment. Kieku jkun mod iehor ikun ifisser li l-qorti qeghda taddotta rwol li jispetta lill-legislatur. F'kull kaz m'hemmx provi li l-atturi kienu agenti tal-kummerc ghall-konvenuta. Fl-affidavit Carmen Micallef qalet (fol. 292):- *"Inzid nghid illi ghalkemm ahna konna msejhin bhala distributuri ta' dan il-prodott* ***ahna wkoll kellna l-vesti ta' agenti ghaliex il-klijenti konna nsibuhom ahna u nikkonvincuhom biex jixtru l-ilma Vera ahna****"* (enfazi tal-qorti). Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Id-distributur ukoll isib il-klijenti hu. Ovvjament dan hu fl-interess tieghu. Iktar ma jbiegh fis-suq li fih ikun qieghed jopera, iktar jaghmel qliegh. Certament li dan kien ta' beneficcju ghall-konvenuta, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-atturi kienu agenti tal-kummerc.

Il-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-ilmenti tal-atturi kif proposti fir-rikors guramentat:-

i. **<u>Ksur unilateral tal-ftehim</u>**.

Mal-moghdija taz-zmien kienet biss Ancams Marketing Limited li kienet f'relazzjoni kuntrattwali mal-konvenuta. Relazzjoni li kienet tikkonsisti fil-bejgh tal-ilma minerali minn San Pellegrino S.p.A. lil Ancams Marketing Limited.

[5] Dan kien il-kuntest tad-decizjoni tal-Qorti Suprema tal-Germanija li ghamlu riferenza ghaliha l-atturi. Ara artiklu *"Termination Compensation to Distributors under German Law"* ta' P.H. Burkard, minn fejn il-qorti qeghda tifhem li l-atturi hadu r-riferenza u fejn jinghad: *"In essence, the courts are saying that one cannot evade Section 89b HG B by merely changing the distributor's classification from commercial agent to independent merchant."*. Wiehed mill-fatturi li ssemmew kien li l-prezz tal-merkanzija kien qieghed jigi determinat mill-principal. Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda prova u lanqas ma jirrizulta mill-kuntratt li l-prezz li bih kien qieghed jinbiegh il-prodott f'Malta, kien qieghed jigi determinat mill-kumpannija konvenuta.

Hu evidenti li gie zmien meta l-konvenuta ma reditx tkompli bir-relazzjoni li kellha ma' Ancams Marketing Limited. Fil-fehma tal-qorti kellha kull dritt li tiehu decizjoni bhal din gialadarba ma kien hemm l-ebda kuntratt li jorbot lill-partijiet. Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu qeghdin jiddiskutu biex isir ftehim gdid. F'Ottubru 2008 kienet saret laqgha u fiha Carmen Micallef ghal Ancams Marketing Limited giet infurmata li b'efett mis-sena 2010 id-distribuzzjoni tal-ilma Acqua Vera f'Malta kien ser isir minn Nestle Malta Limited. Fil-fatt jirrizulta li ma gie ffirmat l-ebda kuntratt, ghalkemm ghal xi zmien jirrizulta li nbieghet merkanzija lil Ancams Marketing Limited sakemm din iddecidiet li tintroduci ilma ta' kumpannija ohra u waqfet ir-relazzjoni ma' San Pellegrino S.p.A[6].

Il-qorti trid tosserva wkoll kif mill-korrispondenza rrizulta li f'ittra datata 24 ta' Ottubru 2008 il-kumpannija attrici giet infurmata li l-ilma Acqua Vera ser jibda jitqassam, fis-suq lokali, minn Nestle Malta Limited. Dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2010. Fil-fehma tal-qorti dan kien zmien ragonevoli sabiex isir *phasing out* mill-kumpannija attrici. Dan qieghed jinghad mhux ghaliex il-konvenuta kellha xi obbligu li taghti pre-avviz.

Fir-rigward ta' GD Trading Limited u Ancams Limited, fis-sentenza preliminari tat-28 ta' Mejju 2012 il-qorti diga' osservat li:-

(a) GD Trading Limited qatt ma kellha relazzjoni kuntrattwali ma' San Pellegrino S.p.A; u

---

[6] Fl-affidavit ta' Dr Renald Micallef, konsulent ta' Ancams Marketing Limited, jinghad li f'Settembru 2008 kien akkumpanja lid-direttrici gewwa Milan biex jinnegozjaw kuntratt gdid. Spjega kif kien waqt din il-laqgha li gew infurmati li r-relazzjoni ma kenitx ser tkompli wara s-sena 2009. Kompla jghid: *"Li ma kenitx taghmel sens, strategiku, ekonomiku u finanzjarju ghal Ancams li tibqa' tbiegh l-Acqua Vera ghal sena shiha u wara din is-sena kien ikollha issib prodott iehor u tibda minn xejn tipprova ddahhal f'suq estremament kompetittiv Malti, prodott gdid, dan ghaliex Ancams tkun tilfet sena. Ghaldaqstant, Ancams riedet tghaddi l-handover ta' dan il-prodott kemm jista' jkun malajr sabiex tibda mill-gdid trawwem prodott iehor"* (fol. 314). Hekk ukoll Carmen Micallef qalet: *"Nikkonferma li meta ircevejt imbaghad in-notice u kien car li mhux ser nirrangaw, iddecidejt biex ma nahdmux in-notice period. Kienet decizjoni tieghi."* (seduta 10 ta' Mejju 2013).

(b) Ir-relazzjoni bejn Ancams Limited u San Pellegrino S.p.A kienet spiccat mat-terminazzjoni tal-ftehim li kien ikopri sal-ahhar tas-sena 2006;

**Arrikkiment indebitu.**

Il-kuncett ta' arrikkiment indebitu hu definit fl-Artikolu 1028A tal-Kodici Civili li jipprovdi:-

*"Min,* ***minghajr kawza gusta****, jarrikkixxi ghad-dannu ta' haddiehor ghandu fil-limiti tal-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet sofriet dik il-persuna"* (enfazi tal-qorti)[7].

Il-qorti tosserva li:-

i. Ma jirrizultax li qatt kien hemm relazzjoni bejn GD Trading Limited u l-konvenuta. Mill-provi rrizulta li n-negozju kienet taghmlu mad-ditta SO.GE.A.M S.p.A. Il-qorti fehemet li kienet ghazla libera ta' min imexxi lil GD Trading Limited li d-distribuzzjoni tal-Acqua Vera f'Malta jsir minn Ancams Limited, tant li ma kenitx parti ghall-iskrittura privata ffirmata fil-21 ta' April 2001. Dawn iz-zewg kumpanniji huma tal-istess familja. Ghalhekk GD Trading Limited, jekk ghadha tezisti, m'ghandix dritt tilmenta li tilfet xi *goodwill*.

F'kull kaz il-jedd ta' azzjoni li seta' kellha GD Trading Limited gie preskritt skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Irrizulta kif fl-1998 din il-kumpannija ma komplietx tinnegozja fl-ilma Acqua Vera. Ghalhekk jekk ghall-grazzja tal-argument, qatt kellha dritt tressaq pretensjoni simili, il-jedd ta' azzjoni ghall-arrikkiment indebitu hu preskritt hames snin minn meta harget mix-xena. F'dan ir-rigward il-qorti taqbel perfettament mat-tezi tal-konvenuta li *"[….] kwalunkwe azzjoni li seta' kellha GD Trading Limited ghal*

[7] *"Kombinati flimkien ghandu jjirrizulta illi l-presupposti ta' l-arrikkiment jinkludu (i) l-arrikkiment ingustifikat, (ii) id-dannu, (iii) ir-rabta bejn id-dannu u l-arrikkiment (iv) in-nuqqas ta' gusta kawza, u (v) il-mankanza ta' xi azzjoni ohra stabbilita mil-ligi."* (**Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd** deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-26 ta' Frar 2010).

*rizarciment a bazi ta' allegazzjoni ta' arrikkiment indebitu skattat hekk kif id-distribuzzjoni ghaddiet f'idejn Ancams Limited u mhux meta l-istess distribuzzjoni haditha lura f'idejha Nerstle ghaliex kien proprju f'dan iz-zmien li hija setghet tagixxi."*[8]

ii. Kull ftehim li gie ffirmat ma' Ancams Limited kien limitat ghall-perjodu definit minghajr ebda obbligu ta' tigdid[9]. L-energija u r-rizorsi li l-atturi uzaw biex jintroducu u jbieghu l-ilma Acqua Vera fis-suq lokali, kien fl-interess taghhom. 'Il fatt li l-konvenuta hadet, b'mod indirett, beneficcju ma jfissirx li ghamlet arrikkiment indebitu. Dan apparti li din il-kumpannija kienet taf kemm kien twil il-kuntratt u li fih kien hemm element ta' riskju. Ma kien hemm l-ebda garanzija li mal-iskadenza tat-terminu pattwit kien ser jinghata kuntratt gdid. Il-kuntratti huma cari. Inoltre, ir-regola tal-arrikkiment indebitu ma tistax tigi nvokata meta l-arrikkiment hu kkawzat bl-esekuzzjoni ta' dak li jkun gie pattwit f'kuntratt li l-partijiet ikunu dahlu liberament ghalih. Gialadarba l-bazi tal-arrikkiment tal-konvenuta huma l-kuntratti li gew iffirmati fil-21 ta' April 2001 (fol. 10) u fl-2004 (fol. 18), ma jistax jinghad li kien hemm arrikkiment *"minghajr kawza gusta."*. Il-qorti tosserva wkoll li fil-kuntratt tal-1 ta' Marzu 2001 jinghad espressament li:-

- Mad-data tal-gheluq *"[….] no automatic extension of the duration is allowed"* (fol. 11).
- Il-partijiet ddikjaraw li jaghmlu kull *"[…] effort to negotiate in good faith the renewal of the Agreement, it being understood that the Parties will not in any way be under the obligation to reach an understanding in this regard."*[10].

[8] Pagna 6 tan-nota ta' sottomissjonijiet.

[9] Il-qorti ghandha dubju kemm din il-kumpannija ghadha tezisti peress li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi (26 ta' Lulju 2013) jinghad: *"[…] ghalkemm il-kuntratt tal-2004 kien ma' Ancams Limited u mhux Ancams Marketing Limited li fiha Ancams Limited kienet giet amalgamata …….]."*.

[10] Il-kuntratt li sar fis-sena 2004 (fol. 18) sempliciment jipprovdi ghat-tigdid tal-kuntratt tal-1 ta' Marzu 2001, b'effett mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Dicembru 2006 (fol. 18).

iii. Skond l-Artikolu 1028A, l-arrikkiment indebitu jrid isir minghajr kawza gusta. M'hemmx dubju li l-konvenuta hadet beneficcju mill-bejgh li ghamlu l-atturi fis-suq lokali. Pero' l-bazi ta' dan il-beneficcju hu l-ftehim li kellha ma' Ancams Limited. Ghalkemm ma jezistix ftehim bil-miktub ma' Ancams Marketing Limited, hu evidenti li bejniethom kien hemm relazzjoni guridika fis-sens li Ancams Marketing Limited kienet qeghda taghmel ordnijiet u tixtri ilma minerali Acqua Vera. Hawn ukoll ma jistax jinghad li l-konvenuta kienet qeghda taghmel arrikkiment minghajr gusta kawza. Ancams Marketing Limited kienet xtrat l-ilma Acqua Vera minghajr ma kien hemm kuntratt iffirmat mal-konvenuta li jipprospetta ghal zmien definit li matulu ser tkun distributur f'Malta. Jekk il-konvenuta giet arrikkita bil-bejgh ta' ilma li ghamlet Ancams Marketing Limited, dan sehh b'mod volontarja minn Ancams. Ma jistax ikollok arrikkiment minghajr kawza gusta fejn l-arrikkiment ikun sehh b'mod volontarju mill-parti li qeghda tippretendi hlas ta' kumpens.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi billi:-**

**i. Tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta li t-talba ta' GD Trading Limited ghall-hlas ta' kumpens minhabba arrikkiment indebitu huwa preskritt skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.**
**ii. Fil-meritu tichad it-talbiet kollha tal-atturi ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq.**

**Spejjez a karigu tal-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------